MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2011

Numru. 813/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anne Marie Micallef)**

**Vs**

**MAHAD ADAM ABDI**

**Seduta ta’ llum 13 ta’ Lulju, 2011.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **MAHAD ADAM ABDI** ta’ tnejn u ghoxrin sena, iben Abdi Adam u Shamis, imwieled Mogadishu s-Somalija nhar l-1 ta’ Jannar, 1989, u residenti gewwa 22-23 Triq Felice, Bormla, detentur tal-karta tal-identita’

numru 51290 (A) tressaq quddiemha akkuzat illi b'diversi atti maghmulin minnu, wkoll jekk fi zminijiet differenti, li jiskru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, talli nhar it-12 ta' Lulju, 2011, f'dawn il-gzejjer u cioe' fil-Piet':

i. Bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni, billi dolozament bil-hsieb li jikkommetti serq ta' tliet vetturi bin-numri ta' registrazzjoni CAR 835 ta' l-ghamla Isuzu, CAE 374 ta' l-ghamla Peugeot u DOR 162 ta' l-ghamla Maruti, ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema tentattiv ta' serq ma sehhx minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu, fejn liema serq kieku sehh kien ikun kwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

ii. Ikkommetta serq minn gewwa vettura bin-numru CAR 835 ta' l-ghamla Isuzu, li sar ghad-detriment ta' Renald Busuttil u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha w disghin centezmu (€232.94), izda inqas minn elfejt, tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro w sebgha w tletin centezmu (€2329.37), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

iii. Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAR 835 ta' l-ghamla Isuzu, ghad-dannu ta' Renald Busuttil u/jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija w erbgha w sittin Ewro w disgha w sittin centezmu (€1164.69), imma izjed minn mija w sittax-il Ewro w sebgha w erbghin centezmu (€116.47);

iv. Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAE 374 ta' l-ghamla Peugeot, ghad-dannu ta' Eugenio Fenech u/jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgha w sittin Ewro w disgha w sittin centezmu (€1,164.69) imma izjed minn mija w sittax-il Ewro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47);

v. U finalment talli sar recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi w ma jistghu jinbidlu.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti w cioe' l-Kunsens tal-Avukat Generali, tliet stimi, fedina penali w kopja tal-karta tal-identita' tal-imputat, tliet okkorrenzi, w sentenza tal-Qorti.

Rat illi l-imputat deher quddiemha w iddikjara li hu ta' nazzjonalita' Somala w li ma jifhimx la bil-Malti w lanqas bl-Ingliz, u ghaldaqstant il-Qorti nnominat interpretu biex jassistih.

Semghet ukoll l-imputat jiddikjara li huwa ndigenti w li m'ghandux mezzi finanzjarji biex iqabbad avukat, u ghalhekk innominat lil Dr. Yana Micallef Stafrace, bhala avukat tal-legal aid sabiex tassistih.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata qudiem l-avukat difensur tieghu u waqt l-ezami li sar skond l-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta llum, tlettax ta' Lulju 2011 w ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta ta' llum tlettax ta' Lulju, 2011 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi ghalhekk, rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu mill-prosekuzzjoni.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li l-imputat m'ghamilx tajjeb ghall-hsarat u danni sofferti minn terzi persuni w li inoltre ma kkoperax maghha tul l-investigazzjoni w li kien

biss fl-ahhar parti tal-istqarrija li ammetta li kien kisser xi karozzi.

Rat ukoll li l-imputat huwa recidiv fuq akkuzi ta' bejgh jew traffikat ta' medicina (rezina tal-cannabis), kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, jew li jikkostitwixxu, jorganizzaw jew jiffinanzjaw l-assocjazzjoni, talli biegh jew xort'ohra ttraffika r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza w dan bi ksur tal-Art. 8 (a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema reat sar ji jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh skond l-Art. 22 (2) (B) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll talli kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Art. 8 (a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta fejn gie kkundannat tnax-il xahar prigunerija.

Illi ghalhekk il-Qorti **wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe' l-artikoli 41 (1 ) (a), 49, 50, 261 (b) u (c), 278 (2), 325 ( c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** tiddikjara li ssib lill-imputat **MAHAD ADAM ABDI hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu mill-prosekuzzjoni w kif minnu ammessi w tiddeciedi li tikkundannah ghal piena ta' sentejn prigunerija effettivi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------